**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI INFERJURI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Frar 2022**

**Avviż numru: 2/2005 BS**

**L-Avukat Angele Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Stefan Gross**

**-vs-**

**Is-Soċjetà San Lawrenz Leisure Resort**

**Il-Qorti;**

**Rat l-avviż tal-Avukat Angele Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Stefan Gross illi ppremetta:**

Illi s-Soċjetà konvenuta tkun ikkundannata li tħallas is-somma ta' elfejn erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm 2,430) rappreżentanti salarji u bonuses dovuti lil Stefan Gross matul il-perjodu ta' Frar u April tas-sena 2004;

Inkluż ukoll l-ispejjeż tal-ittri legali datati 20 ta' Lulju u 31 t'Awwissu tal-2004 u l-imgħaxijiet skont il-liġi.

**Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà ta' San Lawrenz Leisure Resort illi eċċepixxiet:**

1. Illi preliminarjament il-konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan peress illi l-attur qatt ma kien impjegat minnha;

2. Illi fil-mertu t-talbiet tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt;

3. Illi kien l-attur innifsu li ttermina l-impjieg tiegħu f'Kempinski San Lawrenz Resort & Spa u għalhekk huwa pjuttost hu li għandu jagħti kumpens dovut minħabba temm ta' impjieg definittiv unilateralment min-naħa tiegħu;

4. Illi fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mill-attur huwa esaġerat.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni finali;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

L-**attur Stefan Philip Otto Gross** xehed illi fis-7 ta' Ottubru 2002 huwa ffirma kuntratt ta' impjieg ma' San Lawrenz Leisure Resort (Trademark Kempinski San Lawrenz Resort and Spa). Skont ma jirriżulta mill-kuntratt, l-impjieg kellu jkun għall-perjodu kollu mill-1 ta' Ottubru 2002 sal-1 ta' Ottubru 2004 u versu salarju fl-ammont ta' Lm 400 fix-xahar. B'effett mill-1 ta' Awwissu 2003 l-attur irċieva żieda ta' Lm 50 fix-xahar fuq is-salajru tiegħu biex b'hekk beda jirċievi s-somma totali ta' Lm 450 fix-xahar.

L-attur xehed illi f'Diċembru tas-sena 2003 huwa rritorna lura lejn Għawdex wara li kien ħa xi jiem ta' btala. Spjega illi Rupert Simoner li fiż-żmien kien il-*general manager* tal-Kempinski Hotel, San Lawrenz, Għawdex, offra lill-attur l-opportunità li jmur jaħdem temporanjament fil-lukanda Kempinski ġewwa St Moritz. Dan il-ftehim sar bl-

approvazzjoni tas-Sur Stockner li fiż-żmien kien il-*general manager* tal-Kempinski Hotel f'St Moritz u wara sar il-*general manager* tal-Kempinski Hotel, San Lawrenz, Għawdex.

L-attur kien kuntent b'din l-offerta u aċċettaha mingħajr eżitazzjoni anki għaliex kien ħerqan għal żieda fis-salarju tiegħu. L-uniku formalità għar-rigward kienet dik fejn l-attur iffirma karta li fiha ddikjara li kien qiegħed jirrinunzja għal nofs mill-bilanċ ta' jiem ta' btala li kien għad fadallu għal dik is-sena partikolari. Spjega illi l-ġranet ta' xogħol li qatta' jaħdem f'St Moritz inqatgħu mill-bilanċ tal-jiem ta' btala tiegħu. Żied jgħid illi l-karta li kien iffirma kienet tgħid sempliċement illi hu ladarba jirritorna lura għax-xogħol fil-lukanda Kempinski, San Lawrenz, Għawdex, f'April tas-sena 2004 u kien sejjer jibda b'bilanċ ta' żero bħala ġranet ta' ferjat.

L-attur kompla jixhed illi l-ftehim illi kien sar bejnu u bejn is-Sur Simoner kien bl-intiża li x-xogħol tal-attur ġewwa St Moritz kellu jkun biss fuq bażi temporanja fejn kellu jibda jaħdem fuq bażi ta' *probation* għal perijodu ta' xahar liema perjodu seta' jiġi estiż għal xahrejn oħra u ċjoè sa nofs Marzu tas-sena 2004. Spjega illi l-impjieg tiegħu f'St Moritz kien totalment indipendenti mill-impjieg tiegħu ġewwa Għawdex.

Fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid illi ma felaħx ikompli jaħdem ġewwa St. Moritz għaliex hemm sab ambjent ostili u ferm differenti minn dak illi kien imdorri fih ġewwa Għawdex. Ġara illi b'*e-mail* tat-22 ta' Jannar 2004, Rupert Simoner kiteb lill-attur fejn bagħat jgħidlu dan illi ġej:

*"I am certainly not pleased with what I hear from St. Moritz – you really seem to have an attitude problem.*

*You are at a cross road right now – either, correct and get on track or consider if you are in the right industry or job. We are a service industry – we service customers and employees! You will not be able to pursue a career without understanding the principles of managing and leading.*

*... and do not come along and give me all kind of excuses – I have heard them in Gozo already. The choice is yours!"*

L-attur xehed illi l-kontenut ta' din l-*e-mail* fixklu tant illi l-għada spiċċa daħal għax-xogħol siegħa u nofs tard. Spjega illi l-*Food and Beverage Manager* tal-lukanda f'St Moritz ħataf l-okkażjoni sabiex itterminalu l-

perijodu ta' *probation* b'effett immedjat u ċjoè b'effett mit-23 ta' Jannar 2004. Jgħid illi fis-sitwazzjoni li żviluppat ma ħassux aktar komdu jaħdem mad-ditta Kempinski u għalhekk, lejliet li kien mistenni jirritorna lura lejn Għawdex, b'ittra tat-28 ta' Jannar 2004 l-attur bagħat javża lil Simoner li kien sejjer jirriżenzja mix-xogħol. Fl-ittra tiegħu l-attur jgħid ukoll illi kien dispost li jaħdem il-perjodu kollu tan-*notice*. Spjega illi hu qatt ma rċieva risposta għall-ittra tiegħu u minnufih malli rritorna lura Għawdex tkellem mal-*Human Resources Manager* sabiex jiċċara s-sitwazzjoni tal-impjieg tiegħu. Jgħid illi talab illi jitħallas is-salarju dovut matul it-tliet xhur tan-*notice period*, li jieħu l-jiem ta' btala skont kif huwa dritt tiegħu, talab ukoll ħlas għall-*bonuses* u *profit share statement* li komplessivament ammontaw għas-somma ta' Lm 2340. Mill-ammont minnu mitlub u pretiż qatt ma tħallas xejn.

L-attur esebixxa kopja tal-ftehim milħuq bejn Kempinski Grand Hotel des Bains, St Moritz u l-attur. Fuq dan il-ftehim datat 22 ta' Jannar 2004, jingħad hekk:

*"This supplement to the provisions of the contract of employment of December 23, 2003 amends that contract to read as follows:*

*Duration: The term of this contract ends now on February 16, 2004.*

*All other provisions of the contract of employment of December 23, 2003, as well as any written amendments thereof, shall remain in force."*

**In kontroeżami** xehed illi waqt illi kien qiegħed jaħdem f'St Moritz huwa kien impjegat ma' Kempinski St Moritz, kien jitħallas minn dik il-kumpanija u kien anki jħallas it-taxxa ġewwa l-Isvizzera. Dan il-kuntratt kien wieħed ġdid. Ikkonferma illi l-impjieg tiegħu f'St Moritz ġie tterminat matul il-perjodu ta' *probation*. Spjega illi l-kuntratt tiegħu ġie terminat għaliex kien wasal tard għax-xogħol.

In kwantu għall-ħlas tas-salajru spjega illi qiegħed jippretendi ħlas ta' salajru fuq medda ta' tliet xhur u ċjoè l-perjodu kollu tan-*notice*. Dwar *bonuses* jgħid illi ma żammx rendikonti ta' miri ta' profitti li kienu ntlaħqu.

**In ri-eżami** xehed illi mar-ritorn tiegħu lura lejn Għawdex hu tkellem mal-*HR Department* ta' Kempinski Għawdex u għarrafhom li ried jaħdem

il-perjodu ta' *probation*. Jgħid illi l-amministrazzjoni tal-imsemmija lukanda ċaħdet din ir-rikjesta. Żied jgħid illi r-riżenja tiegħu ġiet aċċettata.

Xehed ukoll **Noel Attard**, impjegat tas-soċjetà konvenuta li fl-affidavit tiegħu jgħid li l-kuntratt ta' impjieg tal-attur kien għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2002 u l-1 ta' Ottubru 2004. Jgħid illi l-attur kien trasferit għal St Moritz għaliex hekk kienu jitolbu l-eżiġenzi tal-kumpannija f'dan il-perjodu speċifiku. Spjega illi għal dan il-għan Kempinski St Moritz irreġistrat lill-attur bħala impjegat tagħha u daħlet miegħu f'kuntratt ta' impjieg għal perijodu bejn l-24 ta' Diċembru 2003 u l-15 ta' Marzu 2004. Matul dan il-perjodu l-attur ma kienx għadu impjegat ma' Kempinski, Għawdex tant illi anki s-salajru tiegħu kien qiegħed jitħallas minn Kempinski St Moritz. Attard xehed ukoll illi l-kuntratt t'impjieg tal-attur ġie terminat b'mod prematur għar-raġuni illi l-attur kellu problema ta' xogħol u ta' attitudni ħażina fuq ix-xogħol. Żied jgħid illi meta waqaf mill-impjieg tiegħu l-attur kien saħansitra ffirma karta fejn aċċetta li ma kien fadal ebda bilanċ ta' ħlas dovut lilu. Tajjeb jingħad illi din il-karta li allegatament iffirma l-attur ma ġietx esebita fl-atti.

In kwantu t-talba tal-attur għall-ħlasijiet ta' salarji u *bonuses*, Attard xehed illi ebda ammont m'hu dovut lill-attur u li in kwantu l-ħlas tal-*bonuses* dan huwa aspett fid-diskrezzjoni tal-*General Manager* u msejjes fuq *revenue budgets* li jridu jintlaħqu.

Attard ippreżenta kopja ta' ittra datata 23 ta' Jannar 2004 indirizzata lill-attur li fiha jingħad illi:

*"… we feel impelled to terminate the current employment contract according to the contract of 23rd December 2003 in adherence with seven-day notice period as per 30th January 2004."*

Fl-ittra jingħad ukoll li l-ħlasijiet kollha dovuti lill-attur kellhom jitħallsu u jiġu inklużi fl-aħħar pagament dovut lilu.

Ġiet ippreżentata wkoll ittra oħra datata 2 ta' Frar 2004 permezz ta' liema, Thierry Geiger, *Food & Beverage Manager* f'Kempinski St Moritz bagħat jgħarraf lil Loretta Cauchi, *HR Manager* ġewwa Kempinski San Lawrenz, Għawdex, dwar l-inċidenti kollha li kienu seħħew u li kienu jinvolvu lill-attur fosthom l-attitudni tiegħu dwar kif kien qiegħed jittratta lill-ħaddiema kif ukoll episodju partikolari meta daħal għax-xogħol tliet

sigħat tard u kien jidher illi kien għadu xurban. Jgħid ukoll illi dan l-inċident wassal għat-terminazzjoni permatura tal-*probation period* u tal-impjieg. Jgħid in oltre li l-attur ġie mgħarraf b'dan kollu minnufih, iffirma karti relattivi għat-terminazzjoni u saħansitra ma daħalx lura għax-xogħol fil-ġranet suċċessivi sad-data tat-terminazzjoni effettiva. Kien ukoll matul dan iż-żmien li l-attur bagħat javża formalment li kien sejjer jirriżenja mill-impjieg tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**L-Eċċezzjoni Preliminari**

In linea preliminari s-soċjetà konvenuta eċċepiet illi mhijiex leġittimu kuntradittur tal-attur u li għal din ir-raġuni kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-kuntratt ta' impjieg oriġinali kien iffirmat bejn l-attur u San Lawrenz Leisure Resort Limited hekk kif jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku mill-kuntatt ta' impjieg esebit bħala '*Dok. AP 1*' a fol. 12 *et seq*. tal-proċess.

Il-Qorti tosserva illi minkejja kemm differimenti ġew konċessi sabiex issir il-prova dwar din l-eċċezzjoni preliminari, effettivament is-soċjetà konvenuta baqgħet ma ressqet ebda prova f'dan ir-rigward u lanqas ma trattat il-mertu tal-eċċezzjoni waqt it-trattazzjoni finali.

Il-Qorti tqis illi s-soċjetà konvenuta hija leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u dan għaliex kienet l-istess soċjetà konvenuta kif debitament rappreżentata illi dehret u ffirmat il-kuntratt in kwistjoni.

Għalhekk l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa.

**Fil-Mertu**

L-attur qiegħed jippretendi ħlasijiet għall-perjodu kollu ta' tliet xhur u ċjoè għat-tul kollu tan-*notice period*. Iressaq l-argument illi kien hu illi rriżenja mill-impjieg u għalkemm kien dispost jaħdem in-*notice period* ma tħalliex jagħmel dan. Jgħid ukoll illi l-impjieg tiegħu mal-lukanda Kempinski f'St Moritz kien abbażi ta' kuntratt separat u distint minn dak illi kellu ma' Kempinski, Għawdex. Jgħid għalhekk illi għalkemm l-impjieg tiegħu ma St Moritz ġie tterminat matul il-perjodu ta' *probation*, l-

impjieg tiegħu ma' Kempinski, Għawdex kien għadu għaddej u għalhekk, huwa intitolat għall-ħlasijiet kollha dovut tul it-tliet xhur tan-*notice period*.

Is-soċjetà konvenuta mill-banda l-oħra tiċħad illi hemm xi pendenzi fil-konfront tal-attur. Tgħid illi mhuwiex minnu li kien hemm żewġ kuntratti paralleli li jirregolaw l-impjieg tal-attur u li effettivament kien hemm biss kuntratt wieħed li ġie tterminat għal raġunijiet unikament imputabbli lill-attur.

Mill-provi miġjuba jirriżulta illi stante nuqqas ta' xogħol fil-lukanda Kempinski ġewwa Għawdex, din il-katina ta' lukandi għarfet illi jkun aktar għaqli li l-attur jintbagħat jaħdem għal perjodu ġewwa l-lukanda Kempinski ta' St Moritz. L-attur ma kellu ebda diffikultà li jaċċetta din l-offerta u saħansitra qabel illi jiffirma ftehim ġdid.

Noel Attard xehed illi matul il-perjodu li l-attur intbagħat jaħdem ġewwa St Moritz huwa kien reġistrat bħala impjegat regolari tal-lukanda Kempinski ġewwa St Moritz, kien jitħallas minn dik il-lukanda u kien iħallas it-taxxi tiegħu hemm hekk.

Il-Qorti tosserva illi waqt li l-attur jgħid illi ffirma kuntratt ta' impjieg ġdid mal-lukanda Kempinski ta' St Moritz, dan il-kuntratt baqa' ma ġiex esebit fl-atti u għalhekk jibqa' mhux magħruf kif il-partijiet kienu rregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Madanakollu, meqjusa x-xhieda partikolarment dik tal-attur stess, jidher evidenti għal din il-Qorti li dak illi sar fir-rigward tal-attur kien sempliċi trasferiment ta' impjegat bejn lukandi fl-istess katina ta' negozju. Dan it-trasferiment kien għal perijodu qasir u speċifiku tant li l-attur jgħid li ġie ngaġġat fuq perjodu ta' *probation* ta' xahar liema perjodu seta' jiġi estiż għal xahrejn oħra.

Għal din il-Qorti ma jagħmel ebda sens l-argument tal-attur li l-impjieg tiegħu mal-lukanda ġewwa St Moritz kien regolat permezz ta' kuntratt parallel ma' dak illi l-attur kien diġà ffirma mal-lukanda f'Għawdex. Hawn si tratta dwar katina ta' lukandi f'pajjiżi differenti li jimxu skont il-lant tax-xogħol li jvarja minn staġun għal ieħor. Fil-każ tal-attur is-sitwazzjoni kienet tali li ntbagħat jaħdem f'St Moritz għaliex f'dak il-perjodu speċifiku ix-xogħol fil-lukanda ġewwa Għawdex kien kajman. Il-Qorti tifhem illi l-lukandi bejniethom setgħu rregolaw il-pożizzjoni tal-attur. Tifhem ukoll li l-lukanda ġewwa St Moritz kellha tirreġistra lill-attur bħala impjegat regolari skont il-liġijiet fl-Isvizzera. Biss, ma tarax

loġika fl-argument tal-attur li l-impjieg tiegħu kien regolat permezz ta' żewġ kuntratti paralleli. Kien jinkombi fuq l-attur illi jagħmel il-prova ta' dan billi tal-anqas jipproduċi kopja tal-ftehim li ffirma mal-lukanda Kempinski f'St Moritz, fatt dan illi baqa' ma sarx. Tali prova hija kardinali għas-suċċess tal-argument propost mill-attur. Fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti trid tiddeċiedi abbażi ta' dak illi jirriżulta mill-provi mressqa.

Jidher illi l-impjieg tal-attur kien itterminat fi stadju ta' *probation* għar-raġuni li da parti tiegħu kien hemm mankanzi karatterjali serji u dan kif jirriżulta mill-iskambju ta' korrispondenza ċitat supra. Jidher ukoll illi f'okkażjoni partikolari mhux talli l-attur daħal għax-xogħol tliet sigħat tard talli addirittura kien xurban u ntbagħat lura lejn id-dar. Kienu dawn il-fatturi illi wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg b'*notice period* ta' sebat ijiem kif jingħad fl-ittra tat-23 ta' Jannar 2004. Terġa' u tgħid, jirriżulta illi l-attur lanqas dan in-*notice period* ma ħadem.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur prova jdawwar is-sitwazzjoni favur tiegħu u waqt illi kien irċieva *notice of termination*, fit-28 ta' Jannar 2004 bagħat ittra ta' riżenja. Il-Qorti tqis din il-mossa bħala waħda astuta li biha l-attur ittanta xortih fis-sens li jpoġġi s-sitwazzjoni b'tali mod illi tidher li kien hu li rriżenja u li għalhekk kien intitolat għas-salarju u l-benefiċċji tat-tliet xhur *notice period*. Il-Qorti però sejra tistrieħ fuq il-kronoloġija tal-fatti u ċjoè illi kienet il-lukanda li għal raġunijiet unikament imputabbli lill-attur għażlet li tittermina l-impjieg tiegħu wara li tagħtu d-debitu avviż u tagħtu wkoll *notice period*.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi t-talba tal-attur kif dedotta mhijiex ġustifikata u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda.

**Decide**

Għar-raġunijiet suesposti u l-motivi ġa premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni kif sollevata mis-soċjetà konvenuta.

Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra.

Tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tal-attur.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur